# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 15 ta' Marzu tas-sena 2001.**

**Numru 42**

**Avviz numru 294/99/SM**

**Anthony Farrugia**

**vs**

**Maria Dolres Zammit u zewgha Alex Zammit ghal kull interess li jista' jkollu.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz datat 24 ta' Frar ta' l-1999 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuti quddiem din il-Qorti biex jghidu ghaliex m'ghandhomx jigu kkundannati:**

1. **Ihallsu lill-attur is-somma li talvolta tigi likwidata in linea ta' danni fl-incident awtomobolistiku tal-5 ta' Novembru, 1998 f'Santa Venera fejn il-vettura tal-attur numru IAH-625 sofriet hsarat, prevja okkorrendo d-dikjarazzjoni illi l-incident gara tort unikament tal-konvenuta li fil-mument kienet issuq car numru FAA 126;**

**2. Bl-interessi u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Jannar 1999 kontra l-konvenuti ngunti minn issa ghas-subizzjoni;**

**Ghall-fini tal-kompetenza qed jigi ddikjarat illi d-danni ma jeccedux l-hames mitt lira Maltija (LM500);**

**Rat in-nota tal-konvenuti datata 21 ta' April ta' l-1999 li permezz taghha l-konvenuti ammettew ir-responsabbilita' ta' l-incident izda kkontestaw l-ammont ta' danni;**

**Rat in-nota tal-konvenuti datata 14 ta' Marzu tas-sena 2001 li permezz taghha ammettew it-talba attrici;**

**In vista ta' din l-ammissjoni l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**